# Qed tippjana vjaġġ lejn pajjiż Ewropew u qed taħseb biex tikri vettura?


Il-kiri ta' vettura jista' jkun wieħed mill-aktar mezz konvenjenti u prattiku biex tesplora d-destinazzjoni tiegħek

Il-kiri ta' vettura jista' jkun wieħed mill-aktar mezz konvenjenti u prattiku biex tesplora d-destinazzjoni tiegħek, speċjalment jekk m'għandekx il-ħsieb li tivvjaġġa distanzi twal ħafna.

Minħabba li hemm diversi kumpaniji li joffru s-servizz ta' kiri ta' vetturi fl-Unjoni Ewropea, huwa importanti li qabel ma tibbukkja, tifhem sew x'hemm inkluż fil-prezz ikkwotat. Toqgħodx biss fuq il-prezz li tara iżda għandek tifli bir-reqqa t-termini u kundizzjonijiet tal-kumpanija.

Bħala Ċentru nirċievu diversi lmenti li jvarjaw minn ħlasijiet eċċessivi meta issir xi tip ta' ħsara fuq il-vettura mikrija, problemi bil-poloz tal-assigurazzjoni, kontravenzjonijiet kif ukoll problemi bil-polza tal-fjuwil.

Ta' min jinnota li l-perjodu tal-14-il jum fejn inti tkun tista' tirtira mill-kuntratt mingħajr ebda obbligazzjoni ma japplikax għall-kiri ta' vetturi avolja onlajn. Għalhekk, huwa importanti li taqra sew t-termini u l-kundizzjoniiet qabel ma tibbukkja l-vettura. F'dawn it-termini għandek issib ukoll kif wieħed jista' jikkanċella l-kuntratt u xi spejjeż tista' titħol fihom meta tagħmel dan.

M'hemm xejn ħażin li tagħżel li tibbukkja l-kiri ta' vettura minn fuq pjattaforma partikolari minflok direttament mal-kumpanija tal-kiri. Żomm f'moħħok li jekk tixtri assigurazzjoni minn pjattaforma, inti xorta waħda tkun trid tħalli ammont awtorizzat minn qabel bħala eċċess f'każ ta' xi danni lill-vettura.

Dan l-ammont ikun miżmum mill-karta ta' kreditu tiegħek u għalkemm ikun għadu jidher fuq il-kont tiegħek ma tkunx tista' tagħmel użu minnu sakemm il-kumpanija tirrilaxxa dan l-ammont. Dan l-ammont ivarja skont it-tip ta' vettura u jkun imniżżel fit-termini u kundizzjonijiet.

F'każ li inti tirritorna l-karozza mingħajr ebda ħsara, il-kumpanija normalment tirrilaxxa l-ammont fi żmien tmienja u erbgħin siegħa wara li tkun irritornajt l-vettura.

Qabel tikri il-vettura kun ċert li l-liċenzja tas-sewqan tiegħek hija valida ukoll fil-pajjiż li se tkun qed tikri fih. Barra min hekk jekk se tkun qed tivvjaġġa bejn żewġ pajjiżi jew aktar, l-liċenzja tiegħek trid tkun valida f'kull pajjiż li fih ser tivvjaġġa u għandek dejjem tavża lil-kumpanija bl-intenzjoni li tivvjaġġa bejn pajjiż u ieħor bil-vettura mikrija.

> Mhux il-kumpaniji kollha jaċċettaw li inti tkun tista' tivvjaġġa bil-vettura f'pajjiż differenti

Mhux il-kumpaniji kollha jaċċettaw li inti tkun tista' tivvjaġġa bil-vettura f'pajjiż differenti. Apparti li tinforma lill-kumpanija, kun ċert li għandek id-dokumentazzjoni kollha tal-vettura; li inti kopert mill-assigurazzjoni f'każ ta' inċidenti tat-traffiku; u li taf ir-regoli tat-traffiku ta' dak il-pajjiż partikolari. Ftakar li n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi ma jista' qatt jintuża bħala skuża għal ksur ta' xi regolament tat-traffiku.

Għandek iżomm f'moħħok li l-prezz ikkwotat onlajn normalment ikun jirrappreżenta r-rata bażika, u jista' ma jinkludix spejjeż addizzjonali bħal ħlasijiet relatati mas-servizz ta' fjuwil, tariffi tal-ajruport, sewwieqa addizzjonali jew sewwieqa taħt ċertu eta' (normalment din tkun ta' taħt il-ħamsa u għoxrin sena).

Barra minn hekk, ħafna mill-kumpaniji joffru poloz ta' assigurazzjoni addizzjonali. Permezz ta' dawn il-poloz, normalment inti ma jkollokx għalfejn tħalli ammonti kbar fuq il-karta tal-kreditu tiegħek bħala depożitu u tkun assigurat għal kwalunkwe danni li tagħmel lill-vettura, sakemm ma tkunx ksirt xi regolamenti tat-traffiku. Meta konsumatur jagħżel li jieħu l-assigurazzjoni li toffri l-kumpanija, ġeneralment jintalab depożitu żgħir bħala garanzija f'każ ta' kontravenzjoni, liema ammont jiġi irritornat lilek meta inti tirritorna l-vettura.

> M'hemm xejn ħażin li tagħżel li tibbukkja l-kiri ta' vettura minn fuq pjattaforma partikolari minflok direttament mal-kumpanija tal-kiri

Għandek tagħżel b'mod għaqli liema polza tal-fjuwil hija l-aħjar għalik.

Normalment il-kumpanija toffri tliet għażliet. Inti tiġi mitlub tagħżel jew li tikri il-karozza mimlija bil-fjuwil u tirritornaha mimlija, jew li teħodha mimlija u tirritornaha vojta; jew li tħallas għal fjuwil li tkun użajt. L-iktar għażla komuni hija meta t-tank tal-vettura jkun mimli u tirritornah mimli.

Ġieli jkun hemm sitwazzjonijiet fejn minkejja li tkun għażilt li tikri il-karozza bit-tank tal-fjuwil mimli, dan ma jkunx mimli kif miftiehem. F'dan il-każ, kun ċert li r-rappreżentant tal-kumpanija jimmarka eżatt l-ammont ta' fjuwil li fiha l-vettura fuq il-lista speċjali, qabel ma titlaq bil-vettura biex tibda' l-vakanza tiegħek. Huwa importanti li tieħu ir-ritratt meta tiġbru kif ukoll meta tirritorna l-karozza biex iservi bħala prova f'każ ta nuqqas ta qbil.

### Matul il-kirja

Meta tiġbor il-karozza kun ċert li jekk il-vettura fiha xi tip ta' danni, dawn ikunu ġew immarkati fuq il-lista speċjali. Fejn possibbli qatt titlaq bil-karozza qabel mal-impjegat jiffirmalek dikjarazzjoni dwar il-kundizzjoni tal-karozza.

Importanti ukoll li tiċċekkja li għandek it-tagħmir kollu meħtieġ biex jinbidel *tyre*, kif ukoll numru ta' kuntatt f'każ ta' ħsara fil-vettura. Ħu ritratti tal-vettura bħala evidenza.

F'każ li l-vettura tiżviluppa xi ħsara jew tkun involut f'xi inċident għandek dejjem tavża lill-kumpanija u ssegwi l-istruzzjonijiet tagħhom. F'każ ta' inċident tat-traffiku, huwa essenzjali li tagħmel rapport mal-Pulizija biex tkun kopert mill-polza tal-assigurazzjoni.

Meta tirritorna l-karozza fil-ħinijiet tal-ftuħ, iċċekkja l-vettura flimkien mal-impjegat tal-kumpanija, kif ukoll ikkonferma mar-rappreżentant li ma saret ebda ħsara waqt li l-karozza kienet mikrija għandek. Ħu ritratti tal-vettura hekk kif ħallejtha fil-parkeġġ indikat mill-istess kumpanija bħala prekawzjoni, speċjalment jekk tkun se tirritorna l-vettura mikrija barra mill-ħinijiet tal-ftuħ.


**Dr Roderick Aquilina**
Kordinatur ECC Malta

### Kif għandek tagħmel ilment

Jekk minkejja kollox xorta jinqala' xi diżgwit mal-kumpanija u ma jimexxilekx issib soluzzjoni amikevoli, inti tista' tikkuntattja liċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumaturi billi tibagħtilna email fuq ecc.malta@mccaa.org.mt, jew iċċempel fuq +356 21221901 jew billi żżurna personalment fl-indirizz tagħna, 47A, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.

Għal aktar informazzjoni jew biex tirreġistra lment, żur is-sit taċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumaturi ta' Malta fuq https://eccnetmalta.gov.mt/